**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-14 ta' April 2016

Talba Numru: 895/15

Numru fuq il-Lista: 4

**VistaJet Limited (C55231)**

**vs.**

**Ms. Nevise Webb**
**(Passaport Malti Numru 796361)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2015, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' elfejn Ewro (€2000), premess:

1. Illi Nevise Webbs kienet impjegata mas-soċjeta` attriċi permezz ta' kuntratt ta' impjieg datat it-13 ta' Awwissu 2014;

2. Illi fil-25 ta' Mejju 2015, il-konvenuta tat ir-riżenja tagħha sabiex tittermina l-impjieg tagħha minn mas-soċjeta` attriċi u l-konvenuta effettivament daħlet xogħol għall-aħħar darba fit-28 ta' Mejju 2015;

3. Illi skont il-klawżola 8.2 tal-kuntratt ta' impjieg tal-konvenuta hija kienet obbligata tagħti xahrejn notice in linea mal-artikolu 36(5)(f) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda l-istess konvenuta ddeċidiet li ma taħdimx in-notice period;

4. Illi peress li l-konvenuta ddeċidiet li ma taħdimx in-notice period hija obbligata li tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' €2,000 ai termini tal-artikolu 36 tal-Kapitolu 452 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Liema somma hija ċerta, likwida u dovuta.

Għaldaqstant is-soċjeta` attriċi umilment titlob lil dan it-Tribunal jogħġbu li jordna, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, lill-intimata tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elfejn Ewro (2,000) rappreżentanti ħlas ta' notice money.

Ra r-**risposta tal-konvenuta** ippreżentata fit-8 ta' Jannar 2016, fejn hija eċċepiet:

1) Illi l-kuntratt ta' impjieg jindika b'mod ċar li taħt ċertu ċirkostanzi tali kuntratt jista' jiġi tterminat mingħajr ma jinħadem in-notice period, ai termini tal-Artikolu 8.3, il-konvenuta ttenni li hija tterminat il-kuntratt a bażi ta' raġunijiet tajbin kif elenkati fil-kuntratt tal-impjieg.

2) Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, li l-ammont pretiż huwa eċċiż.

3) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi bil-liġi.

Ra r-**risposta ulterjuri tal-konvenuta** ippreżentata fit-18 ta' Jannar 2016, fejn hija talbet lili dan it-Tribunal:

1. Jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimata dwar nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* u jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' dan il-każ u dan għaliex it-talba tas-soċjeta`attriċi hija ta' natura industrijali u mhux kuntrattwali u allura dan l-Onorabbli Tribunal

m'għandux ġurisdizzjoni *rationae materiae* jiddeċiedi il-fatti in diżamina in kwantu illi kwistjonijiet bħal dan huma vestiti esklussivament fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kif jirriżulta mill-Artiklu 75(1)(b) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost tiċħad it-talba tas-soċjeta` attriċi fl-intier tagħha u dan għar-raġunijiet suesposti li juru li l-intimata m'għandha l-ebda debitu fil-konfront tas-soċjeta` attriċi għaliex il-klawżoli li qed tagħmel referenza għalihom l-istess soċjeta` u li fuqhom qed tibni l-pretensjoni fil-konfront tal-intimata huma diskriminatorji u jmorru kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att (cioe Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) innifsu u għaldaqstant huma nulli u bla effett.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet rigwardanti l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta u cioe dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jisma' l-azzjoni odjerna.

Ra l-verbal tat-3 ta' Frar 2016 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata sentenza preliminari dwar il-kompetenza *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet**

Din hija azzjoni għar-rifużjoni ta' *notice money* mressqa minn soċjeta` kummerċjali fil-konfront ta' persuna li kienet fl-impjieg tagħha wara l-istess persuna tterminat minn jeddha l-impjieg tagħha. Il-konvenuta tinsisti li l-kwistjoni hija waħda ta' natura industrijali u għalhekk għandha tinstema' mit-Tribunal Industrijali. Is-soċjeta` attriċi tħoss li r-rimedju li qiegħda tfittex permezz tal-azzjoni odjerna huwa fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji.

It-Tribunal Industrijali huwa Tribunal speċjali li jaġixxi strettament fil-parametri tal-Liġi speċjali li waqqfitu u cioe il-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kompetenza tiegħu ġiet konferita fil-parametri tal-istess liġi u s-setgħat tiegħu huma dawk espressament indikati fl-istess liġi, liema setgħat ma jistgħux jiġu imwessa' biex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma kkonferiex lill-istess Tribunal.

Il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal hija speċfikata fl-Artikolu 75 tal-istess liġi fejn jingħad illi it-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklussiva fil-kwistjonijiet kollha ta' tkeċċija allegatament inġusta mill-impjieg u wkoll il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I tal-Att iċċitat jew tar-regolamenti preskritti taħtu. It-Titolu I tal-Kapitlu 452 msejjaħ "Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi" jikkomprendi 48 artikoli mifruxa fuq 7 taqsimiet. Mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, izda biss kull fejn tgħid u tispeċifika dan l-istess liġi.

L-eċċezzjoni tal-konvenuta minkejja li hija kopjuża ma tispeċifikax taħt liema minn dawn l-artikoli qiegħda ssir. Ma tgħidx fuq liema dispożizzjoni mit-Titolu I qed issostni l-eċċezzjoni tagħha. Dana ma sarx bi żvista, iżda għaliex kwistjoni bħal ma hija din – rifużjoni ta' *notice money*, ma taqa' taħt l-ebda wieħed mit-48 artikolu.

It-Tribunal eżamina bir-reqqa l-istess artikoli u huwa tal-fehma li l-kwistjoni odjerna anke jekk temani minn relazzjoni ta' impjieg ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali iżda taħt il-kompetenza tal-Qrati Ordinarji. Dan jintqal ukoll fid-dawl illi t-talba għall-ħlas odjerna temani minn riżenja u mhux minn tkeċċija minn impjieg. Dan huwa sostnut ukoll mill-ġurisprudenza tagħna

It-Tribunal ikkunsidra wkoll illi t-talba kif dedotta hija talba ta' flus ossia"money claim" u għaldaqstant ai termini tal-Liġi Speċjali li waqqfet u tirregola l-operat tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar u cioe l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kapitolu 380) partikolarment l-Artikolu 3 (1) tal-imsemmi Att, hija talba li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal odjern.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta illi dan it-Tribunal m'għandux il-komptenza *rationae materiae* sabiex jisma' dan il-każ u fil-waqt li jiddikjara ruħu kompetenti, jordna l-prosegwiment tal-kawża, sabiex jiġi trattat il-mertu.

Bl-ispejjeż ta' dan l-istadju riżervati għall-ġudizzju finali.

**Av. Nadia H. Vella**